# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1772

Każ Nru 2404/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Joseph Vassallo

u

Joseph Lia

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 28 ta' Marzu 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Anglu Farrugia għan-nom ta' Joseph Vassallo fejn stqarr li dan kien ġie liċenzjat mill-impieg ma' Joseph Lia għal raġuni allegatament kontra l-liġi fit-2 ta' Ġunju 2006. Is-sur Joseph Lia, li kien assistit mill-Avukat Mark Busuttil, jgħid li dan ma kienx minnu għaliex l-Appellant kien fil-fatt irriżenja. Inżammu seba' seduti.

Ai termini ta' l-artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba differimenti li ntalbu kif ukoll minħabba nuqqasijiet infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jiddeċidi l-każ fiż-żmien xahar kif stipulat fil-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant jirritjeni li wara perijodu ta' *leave* huwa ma kienx jiflaħ u meta mar jiġbor il-paga ippreżenta ċertifikat mediku. Jgħid li Mrs Pauline Lia, omm l-Intimat, keċċietu minn fuq ix-xogħol. L-Intimat jinnega dan u jirritjeni li l-Appellant stess kien qal diversi drabi lill-Mrs Lia li "jien ma rridx niġi iktar" u b'hekk kien hu li telaq mix-xogħol. Minn dak iż-żmien ma ħadimx iktar iżda beda jibgħat ċertifikati mediċi.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Irid jingħad mill-bidu li l-Appellant xejn ma kkonvinċa lit-Tribunal għal dik li hi kredibiltà. L-imġieba tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, speċjalment l-insistenza tiegħu li jibqa jmeri s-sewwa magħruf avolja affaċċjat b'dokumenti iffirmati minnu, iġġib dubju serju fuq kemm wieħed jista jemmnu. Mill-banda l-oħra huwa d-dover tat-Tribunal li jifli bir-reqqa l-fatti kif huma rapportati li ġraw u wara li jqis il-bilanċ ta' probabiltà dwar il-veraċità ta' dawn il-fatti jagħti l-ġudizzju tiegħu.

Il-pern tal-kwistjoni huwa x'ġara verament dakinhar li l-Appellant mar għand l-Intimat biex jiġbor il-paga. Skond Mrs Lia, li magħha ltaqa' u li skond hi ratu liebes ilbies tax-xogħol u deherilha li ma kien marid xejn, diversi drabi qalilha li ma jridx imur iktar għax-xogħol avolja qaltlu li kellhom bżonnu. L-Appellant, mill-banda l-oħra, jgħid fix-xhieda tiegħu illi meta mar biex jinforma lill-*employer* tiegħu li kien se joħroġ bis-*sick leave* ġie milqgħuh minn Mrs Lia li qaltlu li ċ-ċertifikati kienu foloz u qaltlu "tiġix hawn iktar".

Ovvjament dawn huma żewġ veduti konfliġġenti ta' l-istess episodju. Jekk nieħdu t-tieni versjoni l-ewwel u nemmnu dak li qal l-Appellant allura ikun manifestement ċar li kien liċenzjat sommarjament bla ebda raġuni. Dana huwa forsi wkoll sostnut bil-fatt li fit-tieni *termination form* ir-raġuni tal-liċenzjament ġiet mogħtija bħala "*dismissed*".

Nikkunsidraw issa l-ewwel ipotesi, voldieri li l-Appellant innifsu rriżenja. Jista wieħed jinterpreta l-allegat l-kliem ripetut tiegħu li ma jridx imur iktar għax-xogħol bħala riżenja formali? Dan it-Tribunal kemm il-darba esprima l-opinjoni illi riżenja hija deċiżjoni serja ħafna fil-ħajja lavorattiva ta' ħaddiem. Fid-deċiżjoni nru 1096 dan it-Tribunal elenka l-elementi neċessarji biex riżenja tkun limpida u mingħajr ekwivoku. Huwa inverosimili kif ħaddiem b'servizz li jisboq is-disa' snin u li ma jkunx 'il bogħod mill-età ta' l-irtirar jaqbad u jiddeċidi serjament li jitlaq l-impieg tiegħu, molto piu' jekk mar biex jinforma lil prinċipal tiegħu bil-fatt li kien ma jiflaħx. Mhux eskluż li qal dak il-kliem li xhedet Mrs Lia, iżda dan ma jistax jiġi nterpretat illi kien hemm riżenja definittiva.

Kieku l-Prinċipal ta kas ta' ċertifikati mediċi mibgħuta mill-Apellant minflok ma qagħad jitfa dubju dwar it-tabiba li għamilhom fi ftit żmien kien ikun ġustifikat li jagħti is-sensja lill-Appellant speċjalment wara ċ-ċertifikat mediku tal-Professur Abraham Galea li iddikjara testwalment li "*Mr Vassallo is totally and permanently unfit for any kind of work*" (Dok. X2).

Matul is-smiegħ tal-każ saru ħafna allegazzjonijiet da parti ta' l-Appellant illi ma kienx irċieva il-*bonus* statutorju għal diversi snin. Għad li dana seta' jiġi kontestat f'xi sede oħra quddiem dan it-Tribunal ġew preżentati provi biżżejjed illi dan huwa assolutament mhux minnu u qed jingħad hawn biex ma jintefax dawl ħażin fuq il-prinċipal tiegħu. Saret ukoll dikjarazzjoni mogħtija bil-ġurament illi jekk kien hemm xi bolli tal-NI li b'xi mod ma tħallsux waqt il-ħajja lavorattiva ta' l-Appellant u dawn kien dovuti mill-

prinċipal dawn kienu se jitħallsu u fil-fatt it-Tribunal sussegwentement intbagħatitlu fotokopja ta' *cheque* li jkopri dan.

**4. Deċiżjoni**

Wara li eżamina l-provi prodotti, ra d-dokumenti preżentati u kkonsidra t-trattazzjoni taż-żewġ partijiet it-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-Appellant Joseph Vassallo ġie liċenzjat minn ma' l-Intimat Joseph Lia għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-artikolu 81(2) tal-Kap 452 jillikwida d-danni pagabbli lill-Appellant mill-Intimat fl-ammont ta' LM500 li jridu jitħallsu immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Għall-iskop ta' l-Avviż Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman